# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 3 ta' Dicembru 2001**

**Avviz. numru 53/99**

**Numru 27**

**Middle Sea Insurance Company Ltd kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Jesmar Valletta u l-istess Jesmar Valletta u b'digriet tat-18 ta' Frar 1999 Dr Stephen Thake bhala segretarju u ghan-nom tas-socjeta Laferla Insurance Agency Limited u din ghan-nom ta' John Neal f'ismu propjru u ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta estera assikurattrici ensign Motor Policies at Lloyds intervjena f'din il-kawza in statu et terminus**

**vs**

**Carmel Mercieca**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici et bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li sehh fit-27 ta' Gunju 1997 f'N/S in Regional Road, Sta Venera.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici et fl-ammont ta' erba' mija u disgha u erbghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm449.38) kif ukoll is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25) "access" mhallsa minn Jesmar Valletta.

3. tikkudanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici et dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datat 5 ta' Ottubru 1998.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 5 ta' Ottubru 1998 kif ukoll ittra ufficjali ohra presentata mal-avviz kontra l-assikurattrici tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Frar 1999 (fol 4 u 5 tal-atti) u li bih awtorizzat lil Dr Stephen Thake nomine et nomine sabiex jintervjeni "in stat et terminus" fl-atti ta' din il-kawza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess Dr Stephen Thake nomine et nomine (fol 7 tal-atti) li biha eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent nomine ghandu interess dirett, immedjat u guridiku f'din il-kawza illi f'dana l-istadju jikkonsisti filli jikkontrolla l-veracita' tal-allegazzjoni tal-attur nomine illi l-konvenut kien responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza u l-verifika tal-"quantum" u n-natura tad-danni reklamati mill-attur nomine.

2. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi jissemma, f'dan l-istadju li l-konvenut Carmel Mercieca la deher, personalment jew assistit mill-Avukat tieghu lanqas ma ppresenta nota ta' eccezzjonijiet sabiex jikkontesta t-talbiet attrici. Pero interveniet fil-kawza "statu et terminus" is-socjeta assikuratrici tieghu u din issottomettiet l-eccezzjonijiet, kif hawn fuq esposti.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-meritu ta' dan il-kaz, gew sottomessi, mis-socjeta attrici s-segwenti provi:

a) PS 768 Silvio Brincat (fol 12 sa 15 tal-atti) li esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz relattivi ghal dan l-incident.

b) Andrew Pizzuto (fol 16 et seq tal-istess atti) in rappresentanza tal-istess socjeta', li esebixxa kopja tas-"survey report", zewg ritratti in foto kopja u l-ircevuti kollha relattivi oltre li specifika li, b'kollox, kienu thallsu Lm474.80,0 sabiex tigi riparata l-vettura tal-assikurat taghha, minn liema ammont l-istess socjeta' gabret Lm25 mill-istess assikurat, bhala "excess".

c) Vincent Valletta (fol 25 u 33 et seq ibid) li kien qed isuq il-"van" numru BAO 184 appartenenti lill-ibnu, l-attur Jesmar Valletta spjega li kien parkeggat fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Wara li ghamel sinjal permezz tal-"indicator" li kien ser "nohrog", hu sema' "hafna hornijiet". Wara li hares fil-mera sabiex jara x'qed jigri, vettura misjuqa mill-konvenut ghaddietu. Meta gara dan, hu hareg minn fejn kien parkeggat u saq wara l-vettura tal-konvenut li kienet ftit il-boghod. Wara li l-vettura misjuqa mill-konvenut daret ghal go dahla b'rampa, ix-xhud kompla jsuq sakemm xi hadd beda' jghajjat. Difatti mill-mera hu ra li l-vettura misjuqa mill-konvenut nizla b'lura fuq l-imsemmija rampa fuq ix-xellug tieghu. Avolja x-xhud accellera hu intlaqat xorta wahda. Jigi notat in rigward hsarat, li dan il-van kellu danni "fuq il-

genb bieba tax-xellug" (fol 15 ibid) ossija "f'nofs il-bieba li timxi sabiex tghabbi x-xoghol, li tinsab fuq ix-xellug. In rigward l-iskizz imsemmi, x-xhud spjega ghaliex ma kienx jaqbel mieghu (fol 33 ibid) u testwalment qal "... intlaqat mhux b'wara tieghu izda bix-xewka tal-lemin ta' wara tieghu" (ara ukoll is-survey report a fol 18 u r-ritratti a fol 19 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-<u>konvenut</u>, Carmel Mercieca, kontumaci xehed (fol 40 et seq ibid) u spjega li, sabiex jistenna sakemm habib tieghu, George Falzon, johrog il-karozza tieghu minn "garage" fil-lokalita u b'hekk hu kien seta' jdahhal il-karozza tieghu fl-istess "garage", hu dahhal il-karozza tieghu f'dahla faccata tal-istess "garage", tefa' il-magna u gholla l-"hand brake". Kif kien hiereg mill-karozza tieghu, hu sema' daqqa, kawzata mill-"van" misjuq minn Vincent Valletta. Anke dan ix-xhud ma qabilx mal-imsemmi skizz (fol 41 tal-atti). In rigward dan, hu semma li l-vettura tieghu ".... kienet aktar il-gewwa fid-dahla". In kontro esami, hu qal li effettivament hemm rampa li taghti ghal "garages" taht l-art liema rampa ddeskriviha bhala "li titla' u tinzel", bir-rota ta' wara tieghu fuq "in-naha ta' quddiem tar-rampa" (ara ukoll ix-xhieda ta' <u>George Falzon</u>, gja imsemmi a fol 35 et seq ibid).

Ikkusidrat

Illi, jidher evidenti li ma tantx kien hemm qbil bejn il-partijiet involuti f'dan l-incident. Minhabba hekk, avolja l-istess partijiet ma qablux mal-iskizz imsemmi, il-Qorti ma sabet ebda raguni sabiex tiddubita dwar dak minn fuq l-iskizz in kwistjoni specjalment in rigward il-posizzjoni, wara dan l-incident tal-vetturi involuti , kif hemm murija.

Konsegwentement, l-istess Qorti tara li dan l-incident gara minhabba li l-vettura uzata mill-konvenut indjetreggat u laqtet dik, misjuqa minn Vincent Valletta, u dan minhabba traskuragni da parti tal-istess Carmel Mercieca, waqt li l-vettura ta' dan kienet fuq l-imsemmija rampa.

Illi, dan premess, isir referenza ghad-dokumenti a fol 18 et seq tal-atti minn fejn jidher li l-ammont mitlub fl-avviz hu gustifikat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident u ghad-danni konsegwenzjali u dan minhabba traskuragni da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont komplessiv ta' danni fis-somma ta' Lm474.38,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jahllas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm449.38,0 u lill-attur Jesmar Valletta s-s-somma ta' Lm25.00,0 bl-imghax legali mill-5 ta' Ottubru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-5 ta' Ottubru 1998 u tat-13 ta' Jannar 1999 imsemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur